# WARDA — ĦSEBIJIET

Tassew sabiħa. Il-lwien minn tiegħek kemm jidhru sbeiħ qalb il-ħdura ta' ma' dwarek! Hekk kif għajnejja resqet fuqek waqaft, ħassejt qalbi togħla ġo sidri u bqajt b'ħalqi miftuħ inħares lejk u naħseb.

Warda ta' Mejju! Kemm ħsebijiet, sbieħ u koroh, iġġibli ġo moħħi d-dehra tiegħek. Inti tfakkarni fl-imgħoddi: meta, fi tfuliti, ommi kienet teħodni fil-ġonna, biex nilgħab ma' sħabi u biex nissaħħaħ. Ħafna drabi qalbi, bil-biża, kienet titrigħed, meta bil-moħbi tal-ġennien, idi żgħira u kiefra, kienet toqtol lil ħutek. Iżda lè, tiegħi ma kinetx kiefrija! Int kont togħġobni; għajnejja safja kienu jarawk sabiħa u kienu jixtiquk, u għalhekk bl-imħabba kont naqtak minn zokkok u mmur niġri fi ħdan ommi, ngħidilha:—

"Ħa, ara kemm hija sabiħa din il-warda. Min jagħmilhom il-ward?"

U hija bil-ħlewwa kienet tqegħdni fuq irkobbtejha, tieħu l-warda f'idha u tgħidli kif Alla, il-Ħallieq, għamel id-dinja, il-baħar, l-art, in-nies, il-kwiekeb u dak kollu li hemm ġo fihom.

Niftakar ukoll meta bdejt nikber sewwa u għajnejja, għallewwel darba, xegħlu bl-imħabba, u waqfu fuq wiċċ li jsaħħar, fuq wiċċ ta' tifla, tat-tfajla ta' qalbi.

Lejn in-nida li għandek tiddi fuqek xebbaħthom l-ewwel darba għajnejha jleqqu mimlija bl-imħabba, lejk xebbaħthom xuftejha tal-qroll, ħomor bħalek kienu jsiru l-wardiet ta' wiċċha meta kont ngħidilha li nħobba. Hi kienet tħobbni; iżda lilek ukoll kienet tħobbok: kienet tifraħ meta kont neħdilha xi warda sabiħa: kienet tagħfasha ma' qalbha, ixxommha u tbusha.

Iżda kollox jispiċċa; u l-imħabba għalija wkoll spiċċat. Il-mewt kiefra ħaditli minn idejja lil dik li kont wisq inħobb. Mhux għalhekk, iżda, ma bqajtx inħobb lilek, ja warda! Id-dehra tiegħek baqgħat dejjem tfakkarni fl-imgħoddi, filferħ u fid-dwejjaq. Bqajt dejjem nara fik il-qalb safja u l-ferħ ta' tfuliti, u l-hena ta' l-imħabba.

Fik nara wkoll tebut; ma dwaru, fl'art, kullimkien, imferxa ħafna ward sabiħ bħalek; u ġo fih xbejba, b'għajnejha għal dejjem magħluqa, b'idejha marbutin fuq sidirha, iħaddnu salib u kuruna, bit-tbissima tal-anġli fuq fommha... u f'rokna wieħed liebes l-iswed—jixbah lili—jibki u jolfoq...

JOHN FORMOSA.